MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru. 304/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Martin Camilleri

Il-Qorti,

Rat is-sentenza taghha tal-21 ta' Mejju 2007 li permezz taghha l-imputat Martin Camilleri ta' 53 sena, bin Louis u Therese nee' Holyer, imwieled Valletta fl-20 ta' Marzu, 1954,u residenti f'Entrance 42, Flat 2, Bini tal-Gvern, Triq il-Kuncizzjoni, Imsida, u detentur tal-karta ta' l-identita'

bin-numru 246379(M) gie ikkundannat ghal prigunerija ta' hmistax il-xahar sospiza ghal tlett (3) snin u fejn inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess Martin Camilleri gie marbut sabiex sa zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza ihallas lil Dr. Victor Ragonesi is-somma ta' sebgha mija u tmintax-il lira maltin u hamsin centezmu (LM 718.50) u lil Lawrence Sammut is-somma ta' tlett mija tmienja u erbghajn lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm348.64).

Rat ir-rikors prezentat minn Lawrence Sammut fis-27 ta' Novembru 2007 fejn huwa informa l-Qorti li l-imputat Martin Camilleri ma kienx hallsu s-somma ta' Lm348.64 u li ghalhekk huwa ma kienx aderixxa mal-ordni tal-Qorti imposta permezz tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2007 u ghaldaqstant talab lil Qorti sabiex tiehu l-passi opportuni.

Rat ir-rikors prezentat minn Dr. Victor Ragonesi fis-27 ta' Novembru 2007 fejn huwa informa l-Qorti li l-imputat Martin Camilleri ma kienx hallsu s-somma ta' Lm718.50 u li ghalhekk ma kienx aderixxa mal-ordni tal-Qorti imposta permezz tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2007 u ghaldaqstant talab lil Qorti sabiex tiehu l-passi opportuni.

Rat li l-imsemmija zewg rikorsi gew appuntati ghas-smiegh skond dak li jiddisponi l-Artikolu 28H(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-smiegh ta' dawn iz-zewg rikorsi effettivament irrizulta li l-imputat Martin Camilleri naqas milli jikkonforma ruhu mad-direttiva mposta fuqu bis-sahha tal-Artikolu 28H (1) permezz tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2007.

Rat li nonostante li fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2007 din il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28H (5) tal-Kap. 9 ikkoncediet lill-imputat Martin Camilleri sal-10 ta' Jannar 2008 sabiex jottempera ruhu mad-direttiva imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2007, huwa baqa' inadempjenti.

Rat ir-rikors prezentat minn Dr. Victor Ragonesi u minn Lawrence Sammut fil-15 ta' Jannar 2008.

Peress li l-Qorti hija sodisfatta li sa llum l-imputat Martin Camilleri naqas li jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha imposta permezz tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2007 ai temini tal-artikolu 28H(1), din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tapplika dak li jiddisponi l-Artikolu 28H(5) u tordna li s-sentenza sospiza ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija tibda fis-sehh b'effett millum.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 28H (4) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li s-sentenza sospiza ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija imposta permezz tas-sentenza tal-21 ta' Mejju 2007 tibda fis-sehh b'effett millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------